# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 658/2016MH**

**Illum 9 ta' Gunju, 2017**

**Best Deals International Limited (C35701)**

**vs**

**Charlton Chetcuti (ID 376578M)**
**Leticia Chetcuti (ID 113386M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Angie Spiteri propio et nomine ghas-socjeta' Best Deals International Limited datat 5 ta' Awwissu, 2016[1] fejn gie premess illi

*Illi l-konvenut fis-sena 2013 kien ingaggat bhala delivery man ghas-socjeta attrici, fejn kien responsabbli ghal delivery ta' ghamara lill-klijenti tas-socjeta attrici kif ukoll jigbor il-hlas minghand l-istess klijenti;*

[1] Fol umenti 1

*Illi fis-sena 2014, l-Atturi bdew jindunaw li l-konvenut ma kienx qed jikkonsenja l-hlas kollu lis-socjeta attrici. Meta kien jigi mistoqsi ghaliex kien qed jiehu parti mill-hlasijiet kien jaghti sensiela ta' skuzi, fosthom li niesihom id-dar jew fil-van tieghu;*

*Illi l-Atturi f'April 2015 kkonfrontaw il-Konvenut bil-fatt li kellu jaghti s-socjeta attrici mija u disa u tlettin elf, sitt mija u disa Euros u hmitax-il centezmu (€139,609.15). Il-Konvenut ammetta li kellu jaghti dan l-ammont u obbliga ruhu li kellu jhallas lura. Il-Partijiet ftehmu li jaghmlu skrittura fid-29 ta' April 2015 (Dok A) fejn il-Konvenut kellu jhallas somma ta' tlettin elf (€30,000) immedjatament u pagamenti mensili ta' elf u hames mija fix-xahar;*

*Illi l-Konvenut kkonsenja cekk ta' ohtu, il-Konvenuta Leticia Buhagiar sive Leticia Chetcuti, liema cekk (Dok B) ma ssarrafx, filwaqt li kien hallas tmintax-il elf u erba mitt Euro (€18,400);*

*Illi l-Konvenut kompla jippresta s-servizzi tieghu bhala delivery man sa Mejju 2016;*

*Jghidu ghalhekk il-Konvenut ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti*

*1. Tikkundanna l-Konvenuta Leticia Buhagiar sive Leticia Chetcuti s-somma ta' tlettin elf Euro (€30,000), oltre l-imghax legali*

*2. Tikkundanna lill-Konvenut Charlton Chetcuti ihallas lill-Atturi s-somma ta' mija u wiehed u ghorin elf, mitejn u disa Euros u hmistax-il centezmu (€121,209.15) jew bilanc iehor in konsiderazzjoni ta' talba numru wiehed (1), oltre l-imghax legali.*

*Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Letizia Chetcuti datata 20 ta' Ottubru, 2016[2] fejn eccepiet illi;

1. *Illi qabel xejn, l-esponenti ma hijiex leġittima kontradittriċi fil-kawża proposta stante illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta` rikorrenti u l-esponenti, u dan stante illi kif jirriżulta proprju mir-rikors ġuramentat innifsu, l-ammont pretiż mis-soċjeta` rikorrenti huwa allegat dejn tal-konvenut l-ieħor f'din il-kawża, Charlton Chetcuti, u ma jirriżulta minn imkien li qatt b'xi mod u manjiera l-esponenti assumiet ruħha garanti versu s-soċjeta` rikorrenti.*

2. *Illi ukoll in linea preliminari r-rikors ġuramentat għandu jiġi respint fit-totalita` tiegħu bħala irritu u null fid-dawl tad-diversi nuqqasijiet ta' natura proċedurali illi jikkontjeni, senjatament is-segwenti:-*

    *(i) Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sew l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament u b'dikjarazzjoni speċifika ta' liema fatti huma personalment a konoxxenza tal-persuna li qiegħda tieħu l-ġurament kif irid l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    *(ii) Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes mir-raġuni għat-talba;*

    *(iii) It-twissija meħtieġa fl-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hix skont kif rikjest tassattivament mil-liġi, u dan, inter alia, stante li ma tinsabx taħt l–intestatura tal-Qorti;*

[2] Fol 15

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, it-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.*

*Bl-ispejjeż,*

Rat ir-risposta guramentata ta' Charlton Chetcuti datata 20 ta' Ottubru, 2016[3] fejn gie eccepiet illi;

1. *Illi qabel xejn, ir-rikors ġuramentat huwa irritu u null in kwantu illi ma jsegwix dak li hu proċeduralment tassattiv mil-liġi, u dan fid-dawl tad-diversi nuqqasijiet ta' natura procedurali illi jikkontjeni, senjatament is-segwenti:-*

   (iv) *Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sew l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament u b'dikjarazzjoni speċifika ta' liema fatti huma personalment a konoxxenza tal-persuna li qiegħda tieħu l-ġurament kif irid l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   (v) *Ir-Rikors ġuramentat huwa nieqes mir-raġuni għat-talba;*

   (vi) *It-twissija meħtieġa fl-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hix skont kif rikjest tassattivament mil-liġi, u dan, inter alia, stante li ma tinsabx taħt l–intestatura tal-Qorti;*

[3] Fol 21

2. *Illi wkoll in linea preliminari, it-talbiet mressqa permezz tar-rikors ġuramentat ma jistgħux jiġu akkolti minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi l-ebda talba għal kundanna ma tista' tiġi akkolta mingħajr ma dina l-Onorabbli Qorti tintalab tiddikjara xi forma ta' responsabbilta` skont il-liġi.*

3. *Illi wkoll in linea preliminari, it-talbiet mressqa huma proċeduralment insostenibbli għaliex ma jagħtu l-ebda indikazzjoni a bażi ta' liema korp ġuridiku jew liema provvedimenti u artikoli tal-liġi qiegħdin jissejsu.*

4. *Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta bl-ispejjeż, u l-ebda ammont ma għandu jkun dovut lir-rikorrenti, in kwantu illi kwalsiasi talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan hekk kif għandu jirriżulta kjarament mill-provi u mix-xhieda tul il-mori tal-proċeduri odjerni, u senjatament għar-raġunijiet elaborati fid-dikjarazzjoni tal-fatti, u inter alia, għar-raġunijiet segwenti:-*

   (i) *Hemm diversi inkorrettezzi u skorrettezzi fattwali fir-rikors ġuramentat promotur illi waħidhom ukoll għandhom iwasslu għal konvinċiment tal-ġudikant illi t-teżi tar-rikorrenti mhix kredibbli;*

   (ii) *Mhux talli l-esponenti ma għandux jiġi kkundannat għal xi ammont, ikun xi jkun, iżda kif ser jirriżulta tul il-mori tal-kawża odjerna u dan stante l-kontro-talba li qiegħda tiġi ppreżentata kontestwalment, huma r-rikorrenti li għandhom jiġu kkundannati jħallsu lura lill-esponenti dawk l-ammonti li approprijaw ruħhom minnhom.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smiegħ tal-proċeduri odjerni, t-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti u dikjarazzjonijiet illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi,*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawza, senjatament id-dokumenti esebiti u x-xhieda migjuba;

Semghet it-trattazzjonijiet dana dejjem in konfront ta' l-ewwel eccezzjoni proposta mill-konventa Letizia Chetcuti illi hija mhiex legittimu kontradittur biex twiegeb ghat-talbiet attrici stante li ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici.

**Din ghalhekk hija sentenza preliminari rigwardanti dina l-ewwel eccezzjoni ta' Letizia Chetcuti u dana stante illi l-kawza giet differita ghal dan l-iskop.**[4]

Ikkunsidrat:

Inghad fil-gurisprudenza nostrali dwar ir-rekwisit f'kawza li parti tkun legittimu kontradittur illi;

[4] Fol 68.

Dan l-ahhar kuncett gie spjegat aktar fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza".* [5]

Il-Qorti ta' l-Appell Superjuri fid-decizjoni fl-ismijiet **Bernard Zammit vs Emmanuele Formosa et.** iccitat hekk b'referenza ghal dak mghallem mill-Mortara;

---

[5] Hawn il-Qorti tal-Prim'Awla kienet qed tespandi fuq il-kuncett ta' wiehed mill-elementi ta' l-interess guridiku, dak li jrid ikun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba tkun qed tigi proposta. Dana fil-gudizzju **Christian Satariano vs Socjeta' Tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M.** citazz.nru. 482/2006 deciza fit-28 ta' Mejju, 2015

*"il convenuto deve essere il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore ... Solo chi è in questa situazione, o vi appare in virtù dell'asserzione dello attore, può stare contro di lui in giudizio, perché eventualmente può avere utilità a far respingere l'istanza contenuta nell'azione."*

Il-**Mortara** fil-fatt jghallem hekk fil **"Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile"**, 3a ed. 1926; Vol.II, §496, pp.630–631) li;

*"La capacità processuale va considerata sotto due aspetti: come capacità, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacità di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacità di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacità ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacità processuale attiva e passiva, cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la condizione fondamentale per la capacità di agire in giudizio è la normale capacità di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacità di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi."*

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjoni taghha in ezami Leticia Buhagiar laqghet ghat-talbiet attrici fil-konfront taghha billi tghid li hi ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-

socjeta' attrici, di piu tecepixxi illi hija qatt ma dahlet garanti ghal dejn jekk ezistenti bejn l-istess socjeta' attrici u l-konvenut l-iehor Charlton Chetcuti.

Mill-fatti mressqa s'issa jirrizulta illi l-konvenut Charlton Chetcuti inghata *blank cheque* minghand ohtu l-konvenuta **Leticia Buhagiar.** Tghid l-istess Leticia li hi kellha din il-prassi li taghmel hekk ma huha biex dan jaghmel xi pagamenti minnu dovuti ghax kellu xi problema mal-bank. Tixhed ukoll illi hija saret taf li huha kien ta dan ic-*cheque* lil kumpanija attrici ghal ammont ta' tletin elf ewro meta cemplulha mill-bank: "*Sirt naf meta cempluli mill-bank u qaluli li pprova jissarraf cekk ta' tletin elf. Imbaghad sintendi l-ewwel haga li ghamilt cempilt lil hija biex nara x' inhuma dawn l-affarijiet ghax ma kienx cekk ta' three hundred, thirty thousand it is quite an amount hux.*

Tkompli:
*Qorti : Kont taf x' inhu l-ammont li ha johrog huk ?*
*Xhud : No.*

In kontro ezami izid is-segwenti;
*Dr Mifsud : Ha naqralek bicca, balance due by Charlton Chetcuti as at 29th April 2015 139, 609. 15 cents, these amounts will be paid as monthly instalments of 1500 starting form 30th May 2015. 30, 000 Euros to be paid by 30th September 2015, paid on account as at 29th April 2015. Hawnhekk huk iffirma lejn l-ahhar ta' April ta' 2015, li kellu jaghti tletin elf. Isa kont taf b' dawn li kellu jaghti tletin elf ?*[6]

*Xhud : Le.*

*Dr Mifsud : meta sirt taf li kellu jaghti tletin elf ?*

[6] Hawn qed isir referenza ghal skrittura privata presentata mar-rikors guramentat bhala Dok A a fol 5.

*Xhud : L-ewwel nett jekk kellux jaghti jew le mhux ha nghid jien izda sirt naf meta cempluli l-bank li pprova jissarraf cekk ta' thirty thousand.*

*Qorti : X' ghamilt inti dak il-hin ?*

*Xhud : L-instructions tal-bank li jergghhu jibghatu ic-cekk lura halli nitkellem ma' hija, u nara x' inhuma dawn l-affarijiet.*

*Qorti : U x' ghamilt inti dak il-hin ?*

*Xhud : Cempilt lil hija biex nara x' inhu jigri.*

*Qorti : U x' qallek ?*

*Xhud : Dak il-hin ma kellimnix  ghax inhasad.*

*Qorti : Ok sussegwentament wara li inhasad x' qallek ?*

*Xhud : **Qalli issa dawn l-affarijiet ha nirrangahom jiena mal-BDI.*** [7]

*Dr Mifsud : Hu ammetta li imlieha hu ic-cekk ?*

*Xhud : Li mela c-cekk hu ? Lanqas biss staqsejtu sincerament.*

*Dr Mifsud : Ismaghni il-firma mhux tieghi…*

*Xhud : Ma nafx x' ha naqbad inwiegbu Sinjura Imhallef.*

---

[7] Enfasi ta' din il-Qorti.

*Qorti :Diga qaltilna li l-kitba mhux taghha kienet.*

*Xhud : Qas ghadditli minn mohhi insaqsih. Jien ghax rajt ic-cekk illum u indunjat li l-kitba mhix ta' hija.*

*Dr Mifsud : Jigifieri inti qatt ma rajtu dac-cekk qabel ?*

*Xhud: Le, ghax jien once li imbaghad iktar u iktar sar sekwestru fuq l-account tieghi jien lanqas kelli access li nidhol fl-Internet Banking. U once li ic-cekk ikun refer to drawer ma tkunx tista' tarah refer to drawer ghax sorry tarah fuq l-Internet Banking, tkun tista' tara kopja ta' dawk ic-cekkijiet li issarffu. Min melieh jien ma nafx. Li nista' nghid ghax mhix il-kitba ta' hija. Izda mhux ha niddentifika jekk hux Karl jew haddiehor li melieh"*[8]

**Karl Spiteri** in subizzjoni jghid dan dwar ir-relazzjoni li kienet tezisti bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta li taghha qed tigi ezaminata l-eccezzjoni;

*Xhud : Jiena Direttur f' kumpanija ohra mhux fil-Best Deals International Limited, socju ma' ohti stess, id-direttrici ohti propja. Inkun fl-istess ufficcini u nidderiguhom it-tnejn f' daqqa.*

*Qorti : Ok mela mhux inti ufficjalment d-direttur taghha ?*

*Xhud : Le.*

*Dr Borg : Nghid sewwa li inti involut b' mod attiv fil-management tal-Best Deals ?*

---

[8] Seduta ad-29 ta' Marzu, 2017

*Xhud: Iva.*

*Dr Borg :* ***Nghid sewwa li Best Deals International Limited qatt ma kienet kreditirici ta' Leticia Chetcuti ?***

*Xhud :* ***Xi tfisser?***

*Qorti :* ***Li Leticia Chetcuti qatt ma kellha ittikom****.*

*Xhud : Iva.*

*Dr Borg :* ***Qatt ma kienet ?***

*Xhud:* ***Le qatt ma kienet."***[9] .

**Angela Spiteri** fl-affidavit taghha[10] tispjega li wara li s-socjeta' attrici skopriet li Charlton Chetcuti ma kienx irritorna lura la l-*invoices* u lanqas il-pagamenti minnu ricevuti f'isem l-istess socjeta' ta' *deliveries* ta' ghamara minnu affettwati, u wara li ghal diversi drabi gie mitlub jaghmel dan u baqa inadempjenti, kienet saret skrittura bejnu u bejn is-socjeta' attrici biex tirregola l-pagamenti dovuti minn l-istess Chetcuti.

Tghid li minhabba f'hekk, Charlton kien ghadda *cheque* lil huha Karl ghal ammont ta' €30,000 mill-kont ta' Leticia Buhagiar li sussegwentement ma ssarrafx. Tghid ukoll li kien hawn li huma skoprew illi oht Chetcuti kienet

[9]Enfasi tal-Qorti. Xhieda ukoll moghtija fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 2017.
[10] Fol 56

saret taf b'dan ic-*cheque*. **Ziedet li sa dan iz-zmien hi qatt ma kienet tkellmet jew pruvat tkellem lil konvenuta**.[11]

Ikkunsidrat:

Illi dana kollu espost jinhtieg jigi mehud in konsiderazzjoni ukoll ma dak li qal l-istess Karl Spiteri li jghid li hu kien irceva ic-*cheque* minghand Charlton Chetcuti li kien fil-fatt spjegalu li dawn il-flejjes, tletin elf, kienu se johorgu mill-kont ta' ohtu ghax rikavat ta' bejgh ta' propjeta' ta' missierhom kien fil-fatt gie depositat fil-kont ta' dina.

Jirrizulta ukoll mill-premessi tar-rikors guramentat illi dawn il-flejjes allegatament kienu gew migbura fil-kors ta' l-impieg li Charlton Chetcuti kellu mas-socjeta' attrici bhala *delivery man* u li hu wara li gabar l-istess minghand il-klijenti ta' l-istess socjeta', naqas li jhallashom lura nonostante interventi da parti taghha u weghdiet ghalhekk da parti tieghu.

Pero ma jirrizultax mill-provi prodotti s'issa li l-konvenuta Leticia Buhagiar qatt dahlet f'isimha f'xi kuntratt mas-socjeta' attrici[12] fejn hi assumiet xi responsabbilta' ghal hlas, lanqas bhala garanti.

Illi infatti minn ezami tal-fatti kif s'issa esposti l-unika responsabbilta' li hija attribwibbli lil Leticia Buhagiar hija l-prassi hazina li hija ghandha biex tghin lil huha finanzjarjament, illi taghtih ghal uzu mhux ghalija ben konnoxxut *cheques* mahruga mill-kont taghha, minnha ffirmati, hekk imsejjha *blank cheques.*

[11] Enfasi tal-Qorti.
[12] Kif donnu kien hemm hjiel ta' ftehim li kien se jsir bejna missierha u Karl Spiteri.

**Illi ghalhekk tenut il-premess, ma tirrizulta ebda relazzjoni guridika jew ta' ebda natura ohra bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta Leticia Buhagiar u dana fid-dawl tax-xhieda prodotta u l-insenjamenti aktar 'il fuq citati u konsegwentement din il-qorti qeghda tilqa l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess Leticia Buhagiar u tillibera lill-istess mill-osservanza ta' dan il-gudizzju bi spejjez ghas-socjeta' attrici.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**